**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 19 - IT-TNEJN, 20 TA' FRAR 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* Cuomo infurmat li kien s-Sur Woods kien attenda għal laqgħa ma' *Wasteserv* dwar żvilupp ippjanat fil-*landfill* tal-Magħtab. Għaliha kienu attendew ukoll membri mill-*Magħtab Residents Association* kif ukoll il-Kunsillier Clifford Galea. Is-Sur Woods informa li huwa kien insista li l-pre-okkupazzjonijiet tar-residenti kienu s-saħħa, ix-xamma, il-loġistika (trakkijiet għaddejin eċċ) u d-dehra. Huwa kien tal-fehma li s-sitwazzjoni ma kinitx daqshekk kerha daqs kemm kellu l-impressjoni qabel il-laqgħa. Huwa ħeġġeġ ukoll lill-*Wasteserv* biex jinfurmaw lill-pubbliku u jersqu aktar viċin il-poplu ħalli jifhmu aktar x'se jsir. Il-Kumitat qabel ma' dan il-ħsieb filwaqt li saħaq li laqgħat bħal dawn għandhom ikunu estiżi ma' aktar residenti.

2.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li xi ġimgħat qabel saret attività tal-BMX li iżda ma kienx possibli li tattendi. Is-Sur Woods infurmaha li l-President tal-għaqda kellu jikkuntattja liċ-*Chairperson* direttament. Qablu li għal darba oħra kellhom jintalbu jiktbu u mhux biss isir kuntatt telefoniku.

## 3. L-ISTEMMA TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li saret laqgħa fit-13 ta' Frar mas-Sur Adrian Strickland fejn ta spjegazzjoni dwar il-metodu ta' kif għandhom isiru l-

istemmi. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sinj. Cuomo u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.2. Għalkemm l-istemma, eżatt kif sottomessa mill-Kumitat, ma setgħetx issir, ħafna mill-ħsibijiet tagħha kien possibli li jkunu inklużi u infatti l-qbil waqt il-laqgħa kien li jkun hemm disinn li fl-eraldika jirrapreżenta l-baħar fin-naħa ta' fuq u ċagħaq fin-naħa t'isfel. Ipprova wkoll jinkludi x-xemx iżda kien mifhum li x-xemx ma kellix rilevanza fil-każ ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

3.3. Il-Kumitat qabel.

## 4. IL-FESTIVAL TAL-ĠELATI

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet iltaqgħat mas-Sur Karl Borg, li huwa kuntrattur fl-organizzazzjonijiet tal-attivitajiet, fejn offra xi ideat. Huwa ġie wkoll fil-post u ssuġerixxa li l-attività għandha ssir l-aktar viċin tat-triq prinċipali possibli biex tkun tidher ħafna. Issuġerixxa wkoll li jkun hemm persuna li jgħin lit-tfal jaqsmu min-naħa għall-oħra (*lollipop man*).

4.2. Meta talbet xi stimi huwa infurmaha li ħames gazebos ta' qies ta' 4m b'4m (16-il metru kwadru) kull waħda jiswew €1,250, ġeneratur għal ħames gabbani jiswa €350 u loġistika €100. Dan kien biss bħala gwida għax imbagħad ikunu jridu jintalbu l-istimi skont ir-regolamenti.

4.3. F'dan il-ħin kien diskuss ukoll is-sit u kif jista' jitqassam il-post.

4.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li issa kien hemm bżonn li jsiru d-diskussjonijiet ma' min wera interess. Hija diġà kellha kuntatti minn persuni li jagħmlu ġelat artiġjanali li kienu lesti li jagħtu l-għajnuna.

4.5. Is-Sinj. Vella infurmat li qed tikkordina laqgħa ma' Benna li wkoll urew ix-xewqa li jipparteċipaw.

4.6. Is-Sur Woods saħaq fl-importanza li jkun ipproġettat id-dħul u l-infiq f'din l-attività ħalli jservu ta' gwida għall-Kumitat. Dan għandu jinkludu dokument bil-miri.

4.7. Is-SE informa li l-'gazebos' li jużaw fl-attivitajiet tal-Kunsill huma dawk li jissuplixxi l-MTA bla ħlas.

4.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien hemm problema bil-*freezers* u għadha qed tipprova ssib minn fejn jistgħu jinkrew. Kellu jsir ukoll kuntatt mal-aġent tal-Coca Cola biex, jekk jinteressah li jipparteċipa, aktarx li jkun jista' jipprovdi l-*freezers.*

4.9. Kien hemm diskussjoni dwar kif se jkun kordinat kollox inkluż prezzijiet għall-parteċipazzjoni. Is-SE informa li, minħabba li din hija attività li ma ma kinitx għadha saret bħala f'Malta, ma kienx hemm il-possibiltà ta' eżempji oħra u għalhekk kien pjuttost diffiċli li wieħed jiddetermina rati u prezzijiet għall-parteċipazzjoni.

4.10. Meta kien diskuss l-elettriku s-SE informa li l-aħjar sistema li sab b'attivitajiet fin-Naxxar kien li l-parteċipanti jaħsbu għall-elettriku huma.

4.11. Is-Sinj. Muscat fakkret lis-Sur Woods li kellu jkellem lil sid it-Terramaxka.

4.12. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-grupp mużikali mhux se jieħdu ħlas u l-uniċi spejjeż li se jkollu l-Kumitat huwa biex iġibilhom l-apparat.

4.13. Kienu wkoll diskussi ideat oħra għall-varjetà li però għad iridu jkunu kkonfermati.

## 5. XOGĦLIJIET TA' BANKINI

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dak inhar kienet niżlet mal-Perit biex jaraw il-bżonnijiet tal-bankini.

5.2. Is-SE informa li ma kellux informazzjoni dwar jekk ħarġux il-permessi tal-bankini minn *Transport Malta* għalkemm kien hemm il-konferma li l-applikazzjoni saret.

5.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li fi Triq Xatt il-Palm kuntrattur kisser xi bankini. Irrappurtat li kien hemm xi ħadd ieħor li għamel trinka li baqgħet ma ġietx irranġata.

## 6. Korsijiet u taħdidiet

6.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li xtaqet ħafna li jkunu organizzati taħdidiet interessanti iżda kellha diffikultà għand min se tirrikorri.

6.2. Is-Sur Woods irrakkomanda li ssiru laqgħa għall-ġenituri ta' *soft skills* u edukazzjoni fuq it-tfal. Din tinkludi ideat kif il-ġenituri jgħinu lit-tfal dwar suġġetti li ma jkunux koperti fl-iskejjel. Dwar dan huwa jaf kelliema tajba dwar dan is-suġġett. Kien hemm qbil li l-laqgħa ssir fis-6:30pm u possibilment fid-9 ta' Marzu. Is-Sur Woods se jipprepara d-dettalji u wara jsir l-avviż mill-uffiċċju.

6.3. Is-Sur Woods informa li kellu idea ta' programm bl-isem Ġâra biex isaħħaħ il-komunità. L-idea hija li jibdew bi ftit koppji li jiltaqgħu b'mod informali, jitkellmu u jieħdu xi bibita flimkien. Huwa kompla li issa bil-ġnien din setgħet tkun possibli.

6.4. Is-SE issuġerixxa li din l-idea tista' tkun estiża biex tittieħed l-opportunità li ssir xi taħdita anki fil-beraħ.

6.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat li sid il-ħanut L'Orange (*Cafeteria*, *Restaurant* u *Pizzeria*) kien ikkuntattjaha u talabha permess biex jestendi l-bankina f'parkeġġ wieħed biex ikun jista' jpoġġi l-imwejjed u s-siġġijiet. Hija semmiet li kienet ħadet il-parir mingħand il-perit fejn irrakkomanda li l-Kumitat għandu jikkonsulta mar-residenti. Kien hemm qbil li l-ewwel kellu jinkiseb il-permess mingħand il-MEPA.

6.6. Joe Woods ħeġġeġ l-idea li kull xahrejn tibda tinġieb banda biex tqajjem l-atmosfera. Is-SE semma li kien ideali li l-Kumitat jieħu inizjattivi biex il-ġnien jattira aktar il-pubbliku billi regolarment jipprovdi xi mużiċisti. Din l-idea intlaqgħet tajjeb mill-Kumitat u kien hemm qbil li tkun diskussa mill-ġdid fil-futur biex possibilment issir darba fix-xahar fis-sajf. Din għandha

tibda f'Lulju. Kien diskuss ukoll li, minbarra mużiċisti jkun hemm animaturi biex jieħdu ħsieb lit-tfal.

## 7. IL-ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

7.1. Is-Sinj. Cuomo issuġeriet li l-MRRA kellhom jgħaddu ċ-ċwievet tal-latrini lill-Kumitat. Dan għaliex mhux qed ikun hemm min jieħu ħsieb għal tul ta' ħin u għalhekk qed ikun hemm riskju ta' vandaliżmu kemm fl-attrezzar tal-latrina kif ukoll fl-apparat tas-CCTV. Hemm ir-riskju li xi ħadd jista' wkoll jissakkar ġewwa.

7.2. Kien hemm qbil li l-Kumitat m'għandux jieħu responsabbiltà iżda biss jingħataw iċ-ċwievet.

7.3. Is-Sinj. Cuomo fakkret li huma meħtieġa t-tabelli filwaqt li l-Kappillan talab li titwaħħal tabella fuq iz-zuntier biex ma jilgħabux il-ballun.

7.4. Is-Sur Woods wissa li hemm periklu għaliex xi tfal qed jitilgħu fuq il-latrini. Għalhekk hemm bżonn li jsir xi tip tal lqugħ.

7.5. Is-Sur Bonello wissa li hemm xi *wires* li jistgħu ikunu periklu.

## 8. L-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA / BAĠIT

8.1. Is-SE ressaq rendikont ta' dħul u nfiq sa mill-bidu tal-Kumitat. Informa li dak li kien fadal mill-ewwel sitt xhur ġie miżjud mal-fondi tas-sena 2011 u l-istess ħaġa mis-sena 2011 għas-sena 2012.

8.2. Is-SE informa li għax-xogħol tal-bankini li se jsiru l-Kumitat akkwista fondi apposta taħt l-iskema mid-Dipartiment u għalhekk mhux se jittieħdu mill-baġit.

8.3. Is-SE spjega lill-Kumitat l-allokazzjoni kif maħduma mid-Dipartiment fejn iċċara li, mill-allokazzjoni, li jistgħu jintmissu huma l-fondi għall-aġġustament u għall-manutenzjoni tat-toroq minħabba li l-kumplament huma marbuti għall-kuntratti.

8.4. Is-Sur Woods ippropona li għandu jkun ikkonsidrat post fejn jitħawwlu siġar indiġeni u li jkun hemm tabelli informattivi. Dan b'mod li jkun park żgħir edukattiv bis-siġar u xi bankijiet.

## 9. ĦWEJJEĠ OĦRA

9.1. Is-Sur Woods ippropona li ssir wirja tal-BMX fis-6 ta' April wara nofsinhar. Kien hemm qbil però li jkun ikkonsultat il-Kappillan minħabba li dak inhar ikun Sibt il-Għid. Kien diskuss il-lok għal din l-attività u l-loġistika meħtieġa filwaqt li kien hemm qbil li s-Sur Woods jiltaqa' mal-organizzaturi fil-post ħalli jaraw fejn u kif l-aħjar li ssir.

9.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha talba biex fi Triq il-Kampanjol, f'kantuniera ma' Triq Santa Klara, issir mera. Din it-talba kellha titressaq lill-Kunsill Lokali.

9.3. Il-Kumitat qabel li jwassal rapport lill-Kunsill biex ikunu rranġati t-toroq fil-Magħtab minħabba li jinsabu fi stat ħażin.

9.4. Is-Sinj. Cuomo irrappurtat li qabdu u saru *bus stops* u għalhekk se jkollhom jitneħħew il-parkeġġi.

9.5. Is-Sinj. Cuomo irrakkomandat li jitpoġġew *pots* bil-pjanti fuq il-bankina fuq wara tal-latrina fi Triq ix-Xambekk biex tingħata dehra isbaħ. Madanakollu kien hemm qbil li l-Kumitat jistenna sakemm tikber il-liedna li hemm imħawwla fl-art minħabba li pjanti f'pots jirrikjedu ħafna aktar manutenzjoni.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2012 fil-5:30pm.

10.2. Il-laqgħa intemmet fil-19:30pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv